



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 28.6.2006  
KUMM(2006) 333 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-  
PARLAMENT EWROPEW**

**Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' l-Aja għas-sena 2005**

{SEC(2006) 813}

{SEC(2006 814}

## **KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL- PARLAMENT EWROPEW**

### **Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' l-Aja għas-sena 2005**

1. Din il-komunikazzjoni hija risposta għall-istedina tal-Kunsill lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programm u tal-pjan ta' azzjoni ta' l-Aja ("tabella tar-riżultati")<sup>1</sup> u din hija l-ewwel miżura konkreta għall-2005. Il-metodoloġija magħżula għandha tiggwida lir-rapporti annwali ta' l-erba' snin li ġejjin.
2. Bħalma sar bit-tabella tar-riżultati tal-programm ta' Tampere, l-ewwelnett, il-punt hu li jkun żgurat il-monitoraġġ ta' l-adozzjoni ta' miżuri previsti taħt il-programm ta' l-Aja, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu mal-pjan ta' azzjoni dwar id-drogi, l-istrateġija dwar l-aspetti esterni taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u l-pjan ta' azzjoni dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, li jissupplimentaw il-pjan ta' azzjoni ta' l-Aja, skond l-iskeda ta' żmien iffissata. Għalhekk, il-miżuri kollha ppjanati għall-2005 huma eżaminati f'din il-komunikazzjoni. Il-miżuri programmati għas-sena 2006 u s-snin sussegwenti għandhom ikunu eżaminati fir-rapporti annwali li għad iridu jiġu (l-ewwel parti ta' l-anness).
3. Minbarra dan il-monitoraġġ tal-proċess ta' adoxxjoni, li għall-ewwel darba huwa parti minn dan l-eżerċizzju għall-oqsma ta' politika "Ġustizzja, Libertà, Sigurtà" (minn issa 'l quddiem "JLS"), din il-komunikazzjoni tiffoka fuq il-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni ta' dawn l-oqsma ta' politika fuq il-livell nazzjonali (Parti II u l-anness 2).
1. **MONITORAĠĠ TA' L-ADOZZJONI TAL-MIŻURI PREVISTI GħALL-2005 TAĦT IL-PROGRAMM TA' L-AJA**
4. It-tabella (1) fl-anness tagħti l-qagħda ta' kull miżura prevista għall-2005 jew fuq bażi regolari/kontinwa fil-pjan ta' azzjoni ta' l-Aja. Mit-tabelli hawn taħt joħroġ riżultat ġeneralment pożittiv, minkejja li l-oqsma kollha ma kellhomx l-istess suċċess.

---

<sup>1</sup> Il-Programm ta' l-Aja: insaħħu l-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea (ĠUKE 3.3.2005, C 53, p. 1) u l-pjan ta' azzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li jimplimenta l-programm ta' l-Aja li għandu l-għan li jsaħħaħ il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fi ħdan l-Unjoni Ewropea (ĠUKE 12.8.2005, C 198, p. 1).



relatati ma' ftehim ġenerali dwar il-qafas finanzjaru 2007-2013 kienu adottati kif ippjanat mill-Kummissjoni<sup>2</sup> u s-segwitu tagħhom jiddependi mill-iżviluppi marbutin ma' dan il-ftehim ġenerali.

6. Il-proposta tal-Kummissjoni li twessa' l-mandat ta' l-Osservatorju Ewropew tal-fenomeni razzisti u ksenofobiċi u li toħloq **Aġenzija tad-drittijiet fundamentali** ta' l-Unjoni Ewropea hija kisba sostanzjali, prijoritarja taħt il-programm ta' l-Aja.
7. L-adozzjoni tal-**komunikazzjoni dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal** kienet posposta għal Lulju 2006 minħabba l-bżonn ta' ħidma preparatorja intensiva sabiex ikun garantit li l-interessi varji kollha involuti jittieħdu f'kunsiderazzjoni.
8. Fil-qasam tal-**protezzjoni tad-data**, il-proposta għal deċiżjoni-qafas ippreżentata mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja fil-qasam kriminali tissupplimenta l-qafas legali eżistenti. Din toħloq il-kontraparti indispensabbli għall-proposti maħsuba li jimplimentaw il-prinċipju tad-disponibilità u li jtejjeb l-iskambju ta' l-informazzjoni bejn il-fruntieri bejn l-aġenziji li jinfurzwaw il-liġi ta' l-Istati Membri.

#### *1.1.2. Strateġija Ewropea dwar id-drogi*

9. Kif kien qed jipprevedi l-pjan ta' azzjoni ta' l-Aja, l-Unjoni preparat **strateġija dwar id-droga 2005-2012** f'Diċembru 2004 u **pjan ta' azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea dwar id-drogi (2005-2008)** f'Ġunju 2005, li jistabbilixxu, għall-partijiet interessati kollha, prijoritajiet speċifiċi, skeda dettaljata ta' l-implimentazzjoni kif ukoll l-għodod ta' evalwazzjoni u l-indikaturi konkreti għal kull waħda mit-tmenin azzjoni proposti. Il-pjan jagħti lill-Kummissjoni r-responsabilità tal-monitoraġġ u ta' l-evalwazzjoni, f'kooperazzjoni ma' l-Osservatorju Ewropew tad-drogi u l-vizzji tad-droga u l-Europol. L-ewwel rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' azzjoni għandu jkun preżentat fil-Ħarifa 2006.

#### *1.1.3. Relazzjonijiet esterni*

10. Skond l-iskeda tal-pjan ta' azzjoni, l-Unjoni preparat, f'Diċembru 2005, **strateġija dwar id-dimensjoni esterna** taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, bl-għan, partikolarment, li tippromwovi l-Istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà 'l barra mill-fruntieri ta' l-Unjoni Ewropea.

### **1.2. Insaħħu l-libertà**

#### *1.2.1. Iċ-Ċittadinanza ta' l-Unjoni*

11. F'dan il-qasam, il-programm ta' l-Aja jiffoka partikolarment fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri, li se tkun evalwata iktar, peress li d-data ta' l-għeluq tat-traspożizzjoni tagħha għadha kif skadiet.

---

<sup>2</sup> Proposti għal programmi speċifiċi "ċittadinanza u drittijiet fundamentali", "niġġieldu l-vjolenza (Daphne)" u nipprevjenu l-konsum tad-drogi u ninfurmaw il-pubbliku".

12. **Ir-rapporti dwar l-applikazzjoni tad-direttivi** fuq id-dritt ta' residenza tal-pensjonanti, l-istudenti u l-persuni inattivi, u fuq id-dritt għall-vot fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew dalwaqt se jkunu finalizzati.

*1.2.2. Politika dwar l-ażil, l-immigrazzjoni u l-fruntieri*

13. Sabiex titjieb il-koordinazzjoni ta' l-oqsam ta' politika nazzjonali u biex jiżiedu l-kooperazzjoni u l-iskambju regolari ta' l-informazzjoni bejn l-Istati Membri u bejniethom u l-Kummissjoni, il-Kummissjoni ppreżentat **proposta dwar l-istabbiliment ta' proċedura ta' informazzjoni reċiproka dwar il-miżuri ta l-Istati Membri** fl-oqsma ta' l-ażil u l-immigrazzjoni.

14. Fil-qasam kruċjali tal-ġbir ta' l-informazzjoni sabiex titjieb l-analiżi tal-fenomenu migratorju, twettaq progress sostanzjali. Il-Kummissjoni adottat, nhar it-28 ta' Novembru 2005, il-**Green Paper dwar il-futur ta' netwerk Ewropew tal-migrazzjonijiet**, maħsuba biex toħloq reazzjonijiet fost il-partijiet interessati, u fl-istess ħin, ifformulat **proposta għal Regolament dwar l-istatistiċi komunitarji** dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali, li bħalissa qed ikunu diskussi.

*1.2.3. Sistema komuni ta' ażil Ewropew*

15. Ir-riżultati f'dan il-qasam huma mħalltin.
16. L-adozzjoni, fl-1 ta' Diċembru 2005, wara iktar minn erba' snin ta' diskussjonijiet, tad-**Direttiva dwar l-istandards minimi rigward il-proċeduri ta' għoti u rtirar ta' l-istatut ta' refuġjat** indikat it-tmien ta' l-ewwel fażi ta' żvilupp ta' politika dwar l-ażil. Fil-futur, l-adozzjoni ta' tali miżuri, fil-prinċipju, mhux se tkun iktar soġġett għar-regola ta' l-unanimità, iżda għandha ssir skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 TKE<sup>3</sup>.
17. Il-Kummissjoni bdiet il-monitoraġġ ta' l-evalwazzjoni ta' l-istrumenti ta' l-ewwel fażi, iżda kellha tipposponi għall-2006 il-preżentazzjoni ta' proposta dwar l-istatut ta' resident għal perjodu ta' żmien twil għall-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali sat-tieni fażi ta' żvilupp għal sistema komuni ta' kenn politiku Ewropew. Fil-bidu ta' l-2006 il-Kummissjoni ppreżentat ukoll il-komunikazzjoni tagħha dwar l-introduzzjoni ta' strutturi meħtieġa għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.
18. Ma kienx possibbli li ssir l-evalwazzjoni tal-**Fondi Ewropej għar-refuġjati (FER I)** fl-2005 kif kien ippjanat, u kellha tiġi posposta għall-2006.

*1.2.4. L-immigrazzjoni legali, inklużi l-proċeduri ta' dħul*

19. L-iskeda ta' l-2005 kienet irrispettata bis-sħiħ.

---

<sup>3</sup> Skond l-Artikolu 67, paragrafu 5, l-ewwel inċiż, li jistipola l-bidla lejn din il-proċedura wara l-ewwel fażi. Barra minn hekk, b'mod ġenerali, l-adozzjoni mill-Kunsill tad-Deċiżjoni tat-22 ta' Diċembru 2004 bl-għan li l-proċedura definita fl-Artikolu 251 TKE issir applikabbli għal ċerti oqsma koperti mit-tielet parti, titolu IV ta' dan it-Trattat, skond ir-rekwiżiti fformulati fil-programm ta' l-Aja, tippermetti l-bidla fil-prinċipju tal-politika kollha fil-qasam tal-kenn politiku, l-immigrazzjoni u l-fruntieri għall-proċedura ta' adozzjoni prevista taħt l-Artikolu 251, ħlief għal dak li jikkonċerna l-immigrazzjoni legali.

20. F'Diċembru 2005, fuq il-bażi tar-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika dwar il-**Green Paper** dwar il-migrazzjonijiet ekonomiċi, il-Kummissjoni ppreżentat **pjan ta' azzjoni dwar l-immigrazzjoni legali** b'serje ta' miżuri operattivi u leġislattivi li għandhom ikunu implimentati bejn l-2006 u l-2009, li jkopru l-kundizzjonijiet ta' dħul jew ta' residenza, it-tixrid u t-taqsim ta' l-informazzjoni, il-miżuri ta' integrazzjoni u l-miżuri li għandhom ikunu introdotti f'kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini.

*1.2.5. L-integrazzjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi*

21. L-adozzjoni, fl-1 ta' Settembru 2005, tal-komunikazzjoni "Programm komuni għall-integrazzjoni. **Qafas dwar l-Integrazzjoni ta' Ċittadini minn Pajjiżi Terzi fl-Unjoni Ewropea**", tistabbilixxi l-prinċipji bażiċi komuni li fuqhom għandu jistrieħ qafas Ewropew koerenti fil-qasam ta' l-integrazzjoni.<sup>4</sup> Dan il-qafas, kif kien approvat mill-Kunsill JHA ta' Diċembru 2005, għandu jservi bħala l-bażi għal inizzjattivi oħrajn ta' l-UE.

*1.2.6. Il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali*

22. F'termini ta' partenarjat ma' pajjiżi terzi, l-adozzjoni, f'Settembru 2005, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar mudell għal rapport dwar l-attivitajiet tal-*Liaison Officers* fil-qasam ta' l-immigrazzjoni u dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż li jilqa' fi kwistjonijiet relatati ma' l-immigrazzjoni illegali għandha tkun kontribuzzjoni utli għall-ġestjoni ta' networks ta' kollegament dwar l-immigrazzjoni fil-pajjiżi terzi rilevanti.
23. **Ir-rapport annwali fuq il-politika komuni dwar il-migrazzjoni illegali**, skedata għall-2005, se tkun preżentata fis-Sajf 2006 bħala anness mal-komunikazzjoni futura tal-Kummissjoni dwar il-prijoritajiet futuri f'dan il-qasam.
24. L-introduzzjoni ta' netwerk ta' informazzjoni protetta b'konnessjoni ma' l-internet għas-servizzi ta' l-Istati Membri li għandhom l-inkarigu tal-ġestjoni tal-flussi migratorji (**ICONET**) hija għodda ta' ġestjoni siewja; il-Kummissjoni se torganizza sessjonijiet ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni għall-punti ta' kuntatt ta' l-Istati Membri sabiex isiru għal kollox operattivi.
25. Il-miżuri kollha, skedati għall-istabbiliment ta' politika effettiva ta' tkeċċija u ta' ripatrijazzjoni bbażati fuq standards komuni u fuq kooperazzjoni eqreb u għajjnuna teknika reċiproka, twettqu. Għalhekk, il-Kummissjoni ppreżentat **proposta leġislattiva dwar il-proċeduri tar-ritorn. L-azzjonijiet perparatorji għall-appoġġ finanzjajru** għall-ġestjoni tar-ritorn kienu mnedija.
26. Fl-aħħarnett, wara d-dħul fis-seħħ tal-ftehim **ta' riammissjoni** mal-Makaw, Hong Kong u s-Sri Lanka, in-negozjati mar-Russja kienu konklużi f'Ottubru 2005, kif ukoll ma' l-Albanija min-naħa ta' l-UE f'Novembru 2005. In-negozjati ma' l-Ukrajina, it-Turkija, il-Marokk u l-Pakistan qed ikomplu.

<sup>4</sup> B'mod partikolari: il-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, in-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-ugwaljanza fl-opportunitajiet, li għalihom il-leġislazzjoni ta' l-UE tforni qafas solidu.

1.2.7. *Id-dimensjoni esterna ta' l-ażil u l-immigrazzjoni*

27. Fl-2005 kien hemm żviluppi sinifikanti f'dan il-qasam.
28. Rigward il-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi fil-ġestjoni ta l-immigrazzjoni u tal-kenn politiku, l-Unjoni qablet dwar konklużjonijiet operattivi dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni mal-pajjiżi terzi u r-relazzjonijiet esterni. Fuq il-bażi tal-proposti tal-Kummissjoni, il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2005 adotta aġenda ambizjuża għall-kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri mal-pajjiżi ta' l-Afrika u tal-Mediterran. Il-Kummissjoni hija mistiedna li tikkoordina l-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet prijoritarji f'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet internazzjonali. Għandha tinforma lill-Kunsill Ewropew fl-aħħar ta' l-2006.
29. Il-Kummissjoni pproponiet qafas għall-iżvilupp ta' **programmi ta' protezzjoni reġjonali** ta' l-UE li ntlaqa' tajjeb mill-Istati Membri. It-tnejja ta' l-ewwel programmi pilota fit-Tanzanija u fil-pajjiżi indipendenti l-ġodda kienet posposta għall-2006 minħabba ż-żmien meħtieġ għall-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti taħt il-programm AENEAS.

1.2.8. *Il-ġestjoni tal-fruntieri, biometrija, sistemi ta' informazzjoni u politika tal-viżi*

30. F'dan il-qasam ukoll, saru progressi sostanzjali.
31. Rigward it-tneħħija tal-kontrolli tal-persuni fil-fruntieri interni, u fl-istennija ta' evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' l-*acquis* li mhuwiex relatat mas-sistemi ta' informazzjoni Schengen (SIS II) fl-Istati l-Membri l-ġodda, skedat għall-2006, il-Kummissjoni ppreżentat, kif kien maħsub, **proposta dwar l-istrumenti legali li tas-SIS II**.
32. Rigward il-ġestjoni tal-fruntieri esterni u wara l-istabbiliment ta' l-Aġenzija tal-fruntieri esterni (FRONTEX) fl-1 ta' Mejju 2005, proposti ġodda b'rispons għall-evalwazzjoni tal-mod ta' tħaddim tagħha mhumiex mistennija qabel l-2007. Madankollu, il-Kummissjoni diġà kkonfermat l-intenzjoni tagħha li tippreżenta **proposta bl-għan li toħloq gruppi ta' esperti nazzjonali** li jkunu kapaċi jforni malajr l-għajnuna teknika u operattiva lill-Istati Membri li jitolbuha.
33. **L-*acquis* ta' Schengen (SIS) sar parzjalment applikabbli fir-Renju Unit** fit-22 ta' Diċembru 2004. Id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' parti ta' l-SIS fir-Renju Unit għandha tkun adottata wara l-finalizzazzjoni ta' l-emendi tekniċi neċessarji f'dan l-Istat Membru.
34. L-adozzjoni tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, fl-24 ta' Novembru 2005, dwar l-interoperabilità bejn SIS II, is-sistema ta' informazzjoni dwar il-viżi (VIS) u l-EURODAC hija pass sinifikanti lejn metodu koerenti u lejn l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet armonizzati fl-UE dwar l-**identifikaturi u d-data biometrika**. Bl-istess mod, ittieħdu deċiżjonijiet operattivi f'Diċembru għat-tnejja ta' l-introduzzjoni ta' l-istandards minimi applikabbli għall-karti ta' l-identità nazzjonali. Min-naħa l-oħra, il-proposta li temenda l-istruzzjonijiet konsulari komuni dwar l-istandards u l-proċeduri għat-teħid tad-*data* biometrika setgħet tiġi ppreżentata biss

fl-2006, minħabba li d-diskussjonijiet dwar il-prekundizzjonijiet neċessarji għadhom għaddejnin.

1.2.9. *Il-politika tal-viżi, inkluża l-elaborazzjoni ta' sistema ta' informazzjoni dwar il-viżi (VIS)*

35. Ċertu numru ta' miżuri prijoritarji taħt il-programm ta' l-Aja kienu jew għandhom ikunu adottati iktar tard milli pjanat, fl-2006.
36. Il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-emendi neċessarji għat-titjib tal-politika tal-viżi u għall-ħolqien ta' ċentri komuni għall-applikazzjoni tal-viża, u l-abbozz emendat ta' l-istruzzjonijiet konsulari komuni rigward id-drittijiet tal-viża huma eżempji ta' dawn il-miżuri.
37. Għaldaqstant, kien irreġistrat progress fil-qasam tat-**tranżitu**, permezz tal-preżentazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni, u fil-qasam tas-sistema **dwar it-traffiku lokali bejn pajjiż u ieħor**, fejn intlaħaq ftehim politiku matul l-ewwel qari fi Frar 2006.

1.3. **Insaħħu s-sigurtà**

1.3.1. *It-terroriżmu: il-qsim ta' l-informazzjoni bejn l-awtoritajiet li jinfurzw il-liġi u l-awtoritajiet ġudizzjarji waqt li jinstab bilanċ ġust bejn is-sigurtà u l-protezzjoni tal-ħajja privata*

38. Il-fatt li d-**Direttiva dwar il-ħażna tad-data** ġġenerata jew ipproċessata b'rabta mad-dispożizzjonijiet tal-forniment tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi aċċessibbli għall-pubbliku u li temenda d-direttiva 2002/58/KE, kienet adottata fil-21 ta' Frar 2006, ħames xhur biss wara l-preżentazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni, wara l-ftehim li tlaħaq ma' l-ewwel qari bejn il-Parlament u l-Kunsill, kienet suċċess interistituzzjonali importanti li turi l-volontà politika ta' l-Unjoni.
39. Ħafna mill-azzjonijiet dwar l-implimentazzjoni **tal-prinċipju tad-disponibilità** skedati għall-2005 twettqu. Għalhekk, il-Kummissjoni ppreżentat proposta dwar l-istabbiliment tal-prinċipju tad-disponibilità ta' l-informazzjoni fi kwistjonijiet kriminali, kif ukoll proposta parallela dwar il-garanziji xierqa u dwar id-drittijiet ta' rikorsi effettivi għat-trasferiment ta' *data* personali għall-għanijiet tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, diġà msemmija<sup>5</sup>. Il-preżentazzjoni ta' proposta *ġenerali* dwar il-prinċipju tad-disponibilità wasslet biex l-adozzjoni ta' proposta li tikkonċerna *speċifikament* id-DNA tkun posposta għall-2006. Intlaħaq ftehim dwar l-inizjattiva Żvediża dwar is-simplifikazzjoni ta' l-iskambju ta' l-informazzjoni u tat-tagħrif bejn is-servizzi li jinfurzw il-liġi ta' l-Istati Membri f'Diċembru 2005. Il-Kummissjoni ppreżentat proposta li tagħti aċċess għall-VIS lis-servizzi li jinfurzw il-liġi.
40. Rigward l-iskambju ta' l-informazzjoni **dwar il-passiġġieri ta' l-ajru (PNR)**, fis-16 ta' Ġunju 2006, il-Kummissjoni adottat żewġ inizjattivi biex ikun introdott qafas legalment aċċettabbli għat-trasferiment tad-data PNR lejn l-Istati Uniti. Dawn l-inizjattivi jirrappreżentaw l-ewwel miżuri Ewropej li jaraw li jirrettifikaw il-bażi

---

<sup>5</sup> Paragrafu 8.

legali tal-ftehim konkluż ma' l-Istati Uniti, li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet annullat fit-30 ta' Mejju 2006.

41. L-Unjoni għamlet sforzi biex tkompli bl-adozzjoni tal-**metodu ġenerali għall-ġlieda kontra t-terroriżmu**, skond l-iskeda prevista. Għalhekk, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni ta' finanzjament tal-proġett pilota "ġlieda kontra t-terroriżmu", li tara, fost l-oħrajn, li jitwaqqaf ċentru ta' informazzjoni u ta' kriżi fid-DĠ JLS. Barra minn hekk, ippreżentat proposti li jaraw li jtejbu s-sigurtà tal-ħażna u t-trasport ta' l-isplussivi u li jiggarantixxu t-traċċabilità tal-prekursuri industrijali u kimiċi. Fl-aħħarnett, f'Diċembru 2005, kienet iddefinita strateġija dwar ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ.
42. Fl-istess ħin, peress li l-Istati Membri kollha ma laħqux jitrassponu b'mod komplet u sħiħ id-deċiżjoni-qafas dwar it-"terroriżmu" fl-iskadenza speċifika, ma kienx possibbli li jinbdew l-eżaminazzjoni u l-adattament permezz tat-tieni rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan it-test, kif previst.

#### *1.3.2. Il-prevenzjoni tal-kriminalità organizzata u l-ġlieda kontra dan il-fenomenu*

43. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar **l-elaborazzjoni ta' strateġija dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata** hija miżura prinċipali adottata skond l-iskeda prevista, iżda ħafna mill-miżuri li jaraw li jtejbu l-għarfien dwar il-kriminalità organizzata u dwar il-forom serji ta' kriminalità u li jsaħħu l-ġbir u l-analiżi ta' l-informazzjoni kellhom ikunu posposti għall-2006.
44. Il-Kunsill ippospona l-adozzjoni tal-mekkaniżmu leġislattiv dwar il-**ġlieda kontra l-falsifikazzjoni**.
45. Min-naħa l-oħra, il-pjan li jippermetti li jiżviluppa l-istandards, il-prassi u l-mekkaniżmi komuni għall-prevenzjoni tat-**traffikar tal-persuni**, kien adottat skond l-iskeda.

#### *1.3.3. Il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik doganali*

46. L-isforzi bl-għan li jingħataw lill-**Europol** il-mezzi biex ikollu rwol ċentrali fil-ġlieda kontra l-forom serji ta' kriminalità (organizzata) issoktaw b'diskussjonijiet li għaddejjin fil-Kunsill JHA. Flimkien ma' l-emendi tad-deċiżjoni li tistabbilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (**CEPOL**), id-diskussjonijiet dwar id-definizzjoni tar-rwol tal-kumitat tas-sigurtà (**COSI**) u l-koordinazzjoni li għandha tkun stabbilita bejn l-aġenziji (u s-servizz) varji tas-sigurtà interna, dawn juru r-rieda tajba biex jingħata impetu ġdid għad-dimensjoni operattiva tal-kooperazzjoni tal-pulizija.

#### *1.3.4. Il-ġestjoni tal-kriżijiet fi ħdan l-Unjoni Ewropea*

47. Fis-17 ta' Novembru 2005 l-Kummissjoni ppubblikat *Green Paper* dwar il-**protezzjoni ta' l-infrastrutturi kritiċi**. Fl-2006 għandu jkun hemm proposta leġislattiva, li tinkludi l-ħolqien ta' netwerk ta' twissija għall-infrastrutturi kritiċi (CIWIN) biex tiegħu f'kunsiderazzjoni r-reazzjonijiet imqajma mill-*Green Paper*.

### 1.3.5. *Il-prevenzjoni tal-kriminalità b'mod ġenerali*

48. Wara riflessjoni interna dwar l-organizzazzjoni tan-Netzwerk Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (ECPN) fl-2005, se tkun preżentata inizzjattiva li tinforza u tipprofessionalizza dan in-netwerk fl-2006.

## 1.4. **Insaħħu l-ġustizzja**

### 1.4.1. *It-tkabbir tal-fiduċja u l-affidibilità reċiproka*

49. Wara d-diskussjonijiet immexxija fil-Ħarifa 2005 ma' l-atturi interessati differenti, il-Kummissjoni għandha tippreżenta **komunikazzjoni dwar it-taħriġ ġudizzjarju fl-UE** fl-2006. Il-programm ta' l-iskambji ġudizzjarji għandu jkompli fil-kuntest ta' azzjoni preparatorja fl-2006, qabel ma jkun inkorporat fil-komponent "ġustizzja kriminali" tal-programm-qafas "ġustizzja u drittijiet fundamentali".

### 1.4.2. *Il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali*

50. L-iskeda għall-miżuri mistennija mill-Kummissjoni għat-tkomplija ta' l-**implimentazzjoni tal-prinċipju tar-rikonossiment reċiproku** fl-2005 kienet rispettata. Eżempji jinkludu l-komunikazzjoni dwar ir-rikonossiment reċiproku, li għedded il-kuntest ġenerali, il-proposti leġislattivi għat-teħid f'kunsiderazzjoni ta' kundanni fi proċedimenti kriminali ġodda u l-organizzazzjoni u l-kontenut ta' l-iskambji ta' informazzjoni estratta mir-reġistru kriminali, jew ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni-Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew.
51. Madankollu, sfortunatament kien hemm **ħafna dewmien** rigward l-adozzjoni ta' żewġ miżuri prinċipali: id-deċiżjoni-qafas dwar il-**mandat tal-kisba tal-provi** kien is-suġġett ta' ftehim politiku biss f'Ġunju 2006, u dik dwar **ċerti drittijiet proċedurali** għadha qed tiġi diskussa. La waħda u lanqas l-oħra ma ġew adottati fl-2005 kif kien previst fil-programm ta' l-Aja.
52. Rigward l-**armonizzazzjoni**, il-*Green Paper* dwar il-kunflitti tal-ġurisdizzjoni u l-prinċipju *ne bis in idem* kienu adottati f'Diċembru 2005, u b'hekk nedew id-dibattitu biex ikun evalwat il-bżonn għall-azzjoni ta' l-Unjoni, iżda l-*Green Paper* dwar il-preżunzjoni ta' l-innoċenza kienet posposta. Hekk kien ukoll it-tieni rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni-qafas dwar l-istatut tal-vittmi fil-proċedimenti kriminali, minħabba li l-Istati Membri ma fornnewx biżżejjed informazzjoni.

### 1.4.3. *Il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili*

53. Il-kisbiet fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili għall-2005 kienu partikolarment notevoli minħabba li l-azzjonijiet kollha skedati li kellhom jitwettqu, fil-fatt twettqu. Eżempju partikolari huwa r-rikonossiment reċiproku, fejn huma pjanati żviluppi ġodda għas-snin li ġejjin, partikolarment fil-liġi tal-familja, wara l-adozzjoni tal-*Green Papers* dwar is-suċċessjonijiet u l-kunflitti tal-liġijiet u l-ġurisdizzjonijiet fi kwistjonijiet tad-divorzju, li l-Kummissjoni tixtieq tarahom adottati permezz tal-proċedura ta' kodeċiżjoni.

## 2. MONITORAĠĠ TAT-TRASPOŻIZZJONI NAZZJONALI

### 2.1. Metodoloġija

54. Dan l-eżerċizzju jikkonċerna l-ewwelnett l-istrumenti leġiżlattivi kollha li jeħtieġu t-traspożizzjoni mill-Istati Membri, jiġifieri d-direttivi u d-deċiżjonijiet-qafas. Meta titqies l-iskadenza medja għat-traspożizzjoni, il-monitoraġġ tat-testi previsti taħt il-pjan ta' azzjoni ta' l-Aja għadu mhux possibbli, minħabba li fid-data tal-komunikazzjoni preżenti l-ebda wieħed minnhom għadu ma wasal biex jiġi implimentat.<sup>6</sup> Għall-għanijiet ta' dan ir-rapport ta' l-2005, huwa utli li tkun analizzata u evalwata l-implimentazzjoni ta' l-Istati Membri ta' l-istrumenti JFS f'termini ġenerali, f'data fissa, li għar-raġunijiet ta' dan ir-rapport, għandha tkun il-31 ta' Marzu 2006.
55. It-tabella fl-anness 2 tkopri l-istrumenti kollha li d-data ta' l-għeluq għat-traspożizzjoni skadiet fid-data ta' din il-komunikazzjoni. Din tmur lil hinn mid-direttivi u d-deċiżjonijiet-qafas biex tinkludi l-istrumenti leġiżlattivi li ġew segwiti fi Stati Membri b'data ta' l-għeluq għall-applikazzjoni jew l-implimentazzjoni li skadiet ukoll fid-data ta' din il-komunikazzjoni. Din tikkonċerna ċerti regolamenti jew pjanijiet ta' azzjoni adottati taħt it-Trattat tal-KE (TKE) u ċerti deċiżjonijiet ibbażati fuq it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). It-tabella (2) tkopri wkoll l-Artikolu 22 TKE, li l-applikazzjoni tiegħu kienet koperta minn serje ta' rapporti dettaljati.
56. Fit-tiftixa għal metodoloġija konsistenti biex tkun evalwata l-implimentazzjoni ta' l-oqsma ta' politika tal-JLS mill-Istati Membri, għandu jitqies li d-data disponibbli tista' tvarja skond jekk l-istrumenti kienux adottati fuq il-bażi tat-Trattat tal-KE jew tat-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
57. Fattur komuni wieħed huwa li l-Istati Membri huma meħtieġa li jittrasponu l-miżuri provduti mid-direttivi jew mid-deċiżjonijiet-qafas u li jinnotifikaw il-Kummissjoni jew, f'ċerti każijiet, lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, dwar dawn il-miżuri. Ir-rispett ta' dan l-obbligu ta' notifika hu għalhekk meqjus bħala wieħed mill-fatturi rilevanti għall-għanijiet ta' l-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni nazzjonali. Iżda kien impossibbli li tkun segwita l-konformità mad-dmir tan-notifika fiż-żmien speċifikat mill-istrumenti kkonċernati minħabba li huwa eċċezzjonali li l-iskadenza tkun rispettata minn Stat Membru wieħed jew iktar rigward id-deċiżjonijiet-qafas. Jista' jkun possibbli li jintuża dan il-kriterju biex ikun evalwat il-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni nazzjonali tal-miżuri provduti mill-programm/pjan ta' azzjoni ta' l-Aja fil-futur, iżda għalissa kien jidher preferibbli li tkun monitorjata l-konformità mad-dmir biex il-miżuri ta' traspożizzjoni jkunu notifikati sal-31 ta' Marzu, id-data fissa adottata għal dan ir-rapport.
58. It-tieni fattur komuni, lil hinn mit-traspożizzjoni formali u mill-obbligu ta' notifika, huwa li l-Istati Membri huma meħtieġa li **jittrasponu u japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-Komunità u ta l-Unjoni b'mod xieraq** f'termini tas-sostanza.

---

<sup>6</sup> Dan il-monitoraġġ tat-traspożizzjoni fuq il-livell nazzjonali tal-miżuri ta' dan il-programm jista' jsir biss mir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' l-Aja għas-snin 2007/2008.

59. Il-Kummissjoni għandha l-opportunità li tevalwa l-kwalità ta' l-implimentazzjoni nazzjonali meta tirrispondi l-ittri mingħand iċ-ċittadini u l-mistoqsijiet u l-petizzjonijiet mill-Parlament Ewropew. Meta titqies in-natura u d-diversità kbira tagħhom, mhuwiex possibbli li ssir lista eżawrjenti ta' dawn l-elementi, li għalhekk mhuwiex inklużi bħala sorsi ta' informazzjoni fit-tabella. Madankollu, ħafna drabi dawn l-elementi huma użati u inkorporati fl-analiżi ġenerali fir-rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' kull strument.
60. Deċiżjonijiet-qafas adottati fuq il-bażi tat-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprovdu sistematikament għall-inqas Rapport tal-Kummissjoni wieħed. Ġeneralment, dan ir-rapport iservi bħala bażi għal rapport finali mill-Kunsill, li rarament iqajjem diskussjoni. Ċerti deċiżjonijiet-qafas li jipprovdu għal skadenzi differenti għall-implimentazzjoni huma koperti minn rapporti suċċessivi (eż. id-deċiżjoni-qafas dwar il-vittmi tal-kriminalità). Il-Kummissjoni qed tippreżenta iktar u iktar ta' spiss rapport aġġornat ġdid (eż. id-deċiżjonijiet-qafas dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew jew it-terroriżmu), b'mod partikolari meta l-ewwel rapporti jkunu ddatati qabel it-tkabbir l-iktar riċenti (eż. id-Deċiżjoni-Qafas ta' l-2001 dwar il-ħasil tal-flus). Xi drabi l-Kummissjoni tieħu wkoll l-inizjattiva li tagħmel dan ir-rapport għal strumenti li ma jobbligawhiex li tagħmel hekk (eż. id-deċiżjoni tal-Eurojust jew l-istrumenti għall-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji). Din l-inizjattiva ma tteħditx għall-ewwel azzjonijiet konġunti, bħal dik dwar il-parteciżipazzjonijiet f'organizzazzjoni kriminali. Min-naħa l-oħra, pożizzjonijiet komuni, bħad-deċiżjonijiet-qafas, jipprovdu wkoll għal rapport dwar l-implimentazzjoni nazzjonali<sup>7</sup>.
61. Il-pożizzjonijiet mhix l-istess għall-istrumenti bbażati fuq it-Trattat tal-KE. Waqt li ħafna minnhom jipprovdu għal rapport li jimmonitorja l-implimentazzjoni nazzjonali, huwa sintomatiku li dan mhux il-każ fejn tidħol l-immigrazzjoni illegali. Mill-erba' direttivi hawnhekk bl-iskadenzi għat-traspożizzjoni u bl-obbligi li jinnotifikaw il-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni sad-data ta' l-għeluq fissa tal-31 ta' Marzu 2006, l-ebda waħda minnhom ma' tipprovdi għal rapport bħal dan. Bl-istess mod, fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili, id-Direttiva 2003/8/KE dwar l-ġhajnuna legali ma tipprovdi għal rapport.
62. Iżda l-fatt li m'hemmx rapport m'għandux l-istess effett għall-istrumenti adottati taħt it-Trattat KE u t-Trattat UE. Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni huma l-uniċi reġistri pubbliċi tal-kwalità tat-traspożizzjonijiet nazzjonali ta' l-istrumenti għall-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. Għal dawk l-istrumenti li għalihom m'hemmx dmir li jinnotifikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni, m'hemm l-ebda indikazzjoni ta' l-effettività tal-miżuri adottati. Każ partikolari huwa l-azzjoni konġunta dwar il-parteciżipazzjoni fl-attività kriminali. Din hija waħda mill-bażi ta' proposta għal tfassil mill-ġdid ta' dan l-istrument.
63. Fil-każ ta' l-istrumenti tal-Komunità, min-naħa l-oħra, il-proċedimenti ta' infrazzjoni huma deterrent ċar fir-rigward ta' l-Istati Membri li jkunu naqqsu, li jkollhom

<sup>7</sup>

Fl-aħħarnett, u b'mod eċċezzjonali, ċerti testi huma evalwati minn pari fuq il-livell nazzjonali taħt l-azzjoni komuni ta' l-1997. Għalhekk, dan l-eżerċizzjoni għandu jitmexxa għad-deċiżjoni-qafas "mandat ta' arrest Ewropew" matul l-2006. Dawn l-evalwazzjonijiet ma ttehdix f'kuniderazzjoni taħt din il-komunikazzjoni, meta titqies l-anzjanità tagħhom jew in-natura ġenerali wisq tagħhom.

jiffaċċaw pubbliċità negattiva u, jekk ikun hemm bżonn, ikollhom iħallsu penali, hekk kif jidher mir-rapport ta' monitoraġġ tal-kwalità tat-traspożizzjoni fit-tabella fl-anness 2.

## 2.2. Monitoraġġ skond il-politika<sup>8</sup>

### 2.2.1. *Linji-gwida ġenerali*

64. Rigward id-drittijiet fundamentali, id-Direttiva 95/46/KE hija kkonċernata għalissa biss dwar il-**protezzjoni tad-data** personali. Id-Direttiva laħqet l-għan tagħha li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tad-dritt tal-ħajja privata taċ-ċittadini u t-tneħħija ta' l-ostakoli għall-moviment ħieles tad-data personali fl-Unjoni. L-Istati Membri kollha kkonformaw ma' l-obbligu ta' traspożizzjoni tagħhom, li tqies bħala **sodisfaċenti b'mod ġenerali** fl-ewwel rapport ta' implimentazzjoni għalkemm instabu ċerti każijiet ta' applikazzjoni mhux korretta.
65. Barra minn dan, l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-pjan ta' azzjoni ta' l-2000-2004 fl-2004 fuq il-bażi tad-data provduta miċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga (EMCDDA) u l-Europol turi **riżultat imħallat** rigward l-applikazzjoni nazzjonali ta' l-istrateġija Ewropea u l-pjan ta' azzjoni dwar id-**drogi**.

### 2.2.2. *Iċ-Ċittadinanza ta' l-Unjoni*

66. L-esperjenza mir-rapporti tal-Kummissjoni u mill-proċedimenti ta' infrazzjoni tippermetti li tagħti riżultat **sodisfaċenti** rigward l-applikazzjoni ta' Parti II tat-Trattat tal-KE. L-Istati Membri kollha ġeneralment ikkonformaw mad-dmir tagħhom li jinnotifikaw miżuri sekondarji li jittrasponu leġiżlazzjoni sekondarja sad-data fissa tal-31 ta' Marzu 2006. L-implimentazzjoni tad-direttivi dwar id-dritt ta' residenza tal-pensjonanti, il-persuni inattivi u l-istudenti hija sodisfaċenti d'mod ġenerali. L-istess japplika għad-direttivi attwali dwar id-dritt taċ-ċirkulazzjoni u ta' residenza libera fuq it-territorju ta' Stat Membru, għalhekk hemm xi ftit każijiet ta' applikazzjoni mhux korretta.
67. Id-direttivi dwar id-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet muniċipali u tal-Parlament Ewropew kienu trasposti b'mod sodisfaċenti, għalkemm il-pubbliku jagħmel użu mhux xieraq mid-drittijiet tiegħu.

### 2.2.3. *L-ażil, l-immigrazzjoni, il-fruntieri*

68. Minbarra r-rapporti tal-Kummissjoni dwar l-operazzjonijiet ferm sodisfaċenti tal-EURODAC, l-ewwel **fażi tal-proċedura rigward l-ażil** tinsab fil-proċess ta' evalwazzjoni. Kif jidher mit-tabella fl-anness 2, jista' jkun konkluż minn ċerti nuqqasijiet persistenti fin-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni li r-rata ta' l-implimentazzjoni għadha mhix ideali.
69. Il-politika Ewropea dwar l-**immigrazzjoni legali** għadha fil-bidu tagħha, u s'issa m'hemx rapporti li jippermettu evalwazzjoni ġenerali. Iżda jidher li l-applikazzjoni ma tlestietx minn numru sinifikanti ta' Stati Membri li ma nnotifikawx il-miżuri li jittrasponu d-direttivi dwar "id-dritt tar-riunifikazzjoni tal-familja" u "l-istatut taċ-

<sup>8</sup>

Għall-koerenza reġgħet intużat in-nomenklatura użata taħt il-pjan ta' azzjoni ta' l-Aja.

ċittadini minn pajjiżi terzi residenti għat-tul”, li għalihom għaddejjin proċeduri ta’ infrazzjoni.

70. Rigward l-**immigrazzjoni illegali**, minkejja n-nuqqas ta’ rapporti dwar l-implimentazzjoni, l-indikaturi disponibbli l-oħra juru livell ta’ traspożizzjoni **relattivament sodisfaċenti** tat-testi l-inqas riċenti, bl-eċċezzjoni ta’ Stat Membru b’mod partikolari.

#### 2.2.4. *Is-sigurtà*

71. Minbarra d-deċiżjonijiet-qafas, l-implimentazzjoni ta’ l-istrumenti għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-kooperazzjoni tal-pulizija u doganali, u partikolarment il-konvenzjonijiet u l-protokolli tagħhom adottati fuq il-bażi tat-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, hija diffiċli biex tkun evalwata, meta titqies in-natura ta’ l-istrumenti kkonċernati li ma jipprovdwx għall-obbligu formali ta’ notifika min-naħa ta’ l-Istati Membri u lanqas għar-rapport ta’ monitoraġġ ta’ l-implimentazzjoni fuq il-livell nazzjonali. Ir-ratifika tagħhom fl-inqas żmien possibbli għadha l-ewwel prijetà.

#### 2.2.5. *Il-ġustizzja*

##### 2.2.5.1. *Ġustizzja kriminali*

72. Il-**Mandat ta’ Arrest Ewropew**, strument simboliku tar-rikonoxximent reċiproku, minkejja d-dewmien inizjali fit-traspożizzjoni f’madwar nofs l-Istati Membri, issa huwa **operattiv** madwar l-Unjoni, soġġett għal xi sforzi li jridu jsiru minn ċerti Stati Membri biex jikkonformaw bis-sħiħ mat-test, u minkejja diffikultajiet kostituzzjonali f’diversi Stati Membri.
73. Rigward l-istrumenti ta’ **armonizzazzjoni**, li ħafna minnhom huma rilevanti għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-evalwazzjoni ġenerali ta’ l-implimentazzjoni hija ta’ **diżappunt**, anke jekk il-prassi tal-Kummissjoni li tippreżenta rapporti suċċessivi ta’ implimentazzjoni turi tendenza pożittiva. Ħafna drabi l-istrumenti mhumiex trasposti għal kollox, u xi drabi b’ħafna dewmien skond l-Istati Membri.
74. L-ebda waħda minn dawn in-nuqqasijiet mhi suxxettibbli li twassal għal proċedura ta’ ksur kif jistabbilixxu t-trattati.

##### 2.2.5.2. *Ġustizzja ċivili*

75. L-evalwazzjoni tidher **diffiċli** f’dan l-istadju għaż-żewġ strumenti kkonċernati<sup>9</sup> minħabba li ż-żmien permess għat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha kien għadu ma skadiex fid-data fissa tal-31 ta’ Marzu għal wieħed minnhom u kien għadu kif skada għall-istrumenti l-ieħor. Mill-uniku rapport disponibbli s’issa dwar l-applikazzjoni tar-Regolament dwar is-servizzi fl-Istati Membri tad-dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, joħroġ ċar li huwa meħtieġ ċertu titjib. Fil-15 ta’ Lulju 2005, il-Kummissjoni għalhekk adottat proposta



---

<sup>9</sup> Id-Direttivi 2003/8/KE dwar l-għajjuna legali u 2004/80/KE dwar il-kumpens għall-vittmi tal-kriminalità.


li temenda dan ir-Regolament, li bħalissa qed tkun eżaminata fil-Kunsill u l-Parlament.

### 2.3. Monitoraġġ skond il-politika

76. Din id-*data* ġenerali, bl-istrumenti kollha flimkien, tista' tkun derivata minn żewġ indikaturi<sup>10</sup> li jidhru fit-tabella fl-anness 2. L-ewwel żewġ tabelli hawn taħt juru n-nuqqasijiet għal kull Stat Membru; l-ewwel waħda turi n-nuqqas ta' l-Istat Membru milli jikkomunika l-miżuri ta' traspożizzjoni u t-tieni tabella turi l-każijiet ta' traspożizzjoni jew applikazzjoni. It-tielet tabella hawn taħt tirrifletti n-nuqqasijiet, għal kull Stat Membru, skond dawn iż-żewġ indikaturi mħalltin.



<sup>10</sup> L-indikaturi skond kif inhum deskritti f'paragrafi 57 sa 63 f'din il-komunikazzjoni.



### 3. KONKLUŻJONI

77. Fit-tmiem ta' dan l-ewwel eżerċizzju ta' monitoraġġ tal-programm ta' l-Aja, ta' min jinnota kemm ir-riżultat ġenerali pożittiv ta' l-adozzjoni ta' l-iskeda għall-2005 jikkuntrasta ma' dak, ħafna iktar imħallat, tal-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni nazzjonali ta' l-istrumenti adottati.
78. Mill-monitoraġġ ta' l-adozzjoni tal-miżuri skedati għall-2005 fl-Aja jirriżulta li l-**mekkaniżmu istituzzjonali** jaħdem b'mod sodisfaċenti fl-oqsma JLS li ġejjin mit-**TKE**. Il-progress miksub fil-*kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u taċ-ċittadinanza* huwa xhieda ta' dan. Iżda jibqa' l-fatt li f'dawn il-kwistjonijiet, l-użu tal-vot unanimu waqqaf il-proċess ta' adoxxjoni, li probabbilment ikkontribwixxa għad-dewmien ta' l-implimentazzjoni ta' l-oqsma ta' politika prijoritarji taħt il-programm ta' l-Aja. L-ewwel fażi tas-sistema ta' **ażil** Ewropew hija eżempju ta' dan. B'kuntrast ma' dan, id-djalogu interistituzzjonali fil-proċedura ta' kodeċiżjoni ta l-frott tiegħu u ppermetta li jintlaħaq ftehim fi ftit xhur dwar dawn l-istrumenti importanti bħad-Direttiva dwar il-*konservazzjoni tad-data*, il-**kodiċi tal-fruntieri** jew ir-Regolament dwar it-**traffiku lokali ta' bejn pajjiż u ieħor**.
79. Hemm diversi raġunijiet għall-**progress kajman** fi kwistjonijiet li jinvolvu t-**Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni**. Ir-rekwiżit ta' l-unanimità għall-*kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali* waqqfu l-adoxxjoni ta' miżuri importanti bħall-mandat tal-kisba tal-provi u d-deċiżjoni-qafas "garanziji proċedurali". L-inċertezza u l-eżitazzjoni tal-Kunsill dwar l-għażla tal-bażijiet legali huma raġunijiet oħra għad-dewmien li din is-sena naqqas l-impetu tal-proċess ta' adoxxjoni, minkejja s-sentenza mogħtija fit-13 ta' Settembru 2005 fil-każ C-176-03.
80. L-ewwel evalwazzjoni tal-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni nazzjonali ta' l-oqsma ta' politika JLS tidher li hi **frammentata** ħafna, u **ċertament mhix biżżejjed f'dan l-istadju**, minkejja li din l-osservazzjoni m'għandhiex tkun ikkunsidrata bħala waħda li teħles lill-Istati Membri mir-responsabilità għan-nuqqasijiet li kienu osservati.

81. Meta jitqies li ċertu numru ta' oqsma ta' politika JLS għadhom fil-bidu, l-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni nazzjonali ħafna drabi għadha prematura.. Dan huwa l-każ għall-kenn politiku, l-immigrazzjoni legali, ir-rikonossiment reċiproku fi kwistjonijiet kriminali u ta' ġustizzja ċivili, iżda wkoll fi kwistjonijiet tad-drogi fejn hemm mekkaniżmu speċifiku ta' monitoraġġ fil-kuntest tal-EMCDDA.
82. Iżda l-ikbar **nuqqasijiet kemm f'termini kwantitattivi u kwalitattivi** rigward il-livell ġenerali ta' traspożizzjoni jikkonċernaw **l-istrumenti taħt it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni**. Per eżempju, m'hemmx ekwivalenza nazzjonali tad-determinazzjoni ta' l-Unjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, kif jixhed il-monitoraġġ ta' din il-politika fl-ewwel parti.
83. Għalhekk, ir-rapport juri li hemm lok għal titjib fil-qafas eżistenti, partikolarment rigward il-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. Dan huwa l-għan, mingħajr ma jinbidlu t-Trattati, tal-komunikazzjoni "L-implimentazzjoni tal-Programm ta' l-Aja: l-ewwel reviżjoni tal-politika" li takkumpanja dan ir-rapport.